

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.9523 — Munich RE/DIF/Green Investment Group/Covanta/Dublin Waste-To-Energy facility)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)****(2019/C 307/06)**

1. Fit-2 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Münchner Rückversicherungs-Gesellschaft Aktiengesellschaft in München ("Munich Re", il-Ġermanja),
- DIF Infrastructure V Cooperatief U.A ("DIF"), ikkontrollata mid-DIF Management Holding BV (in-Netherlands),
- Green Investment Group Limited ("GIG", ir-Renju Unit), ikkontrollata mill-Macquarie Group (l-Awstralja),
- Covanta Holding Corporation ("Covanta", l-Istati Uniti tal-Amerika),
- Covanta Europe Assets Limited ("Dublin Waste-to-Energy facility", l-Irlanda).

Munich Re, DIF, GIG u Covanta, jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-faċilità Dublin Waste-to-Energy. Il-faċilità Dublin Waste-to-Energy bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn DIF, GIG u Covanta.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Munich Re taħdem primarjament fis-setturi tar-riassikurazzjoni u tal-assigurazzjoni,
- DIF hija fond tal-investment fl-infrastruttura,
- GIG tispeċjalizza f'investment prinċipali tal-enerġija ekoloġika, it-twettiq ta' proġetti u l-ġestjoni tal-portafoll u servizzi relatati,
- Covanta hija primarjament involuta fis-settur tar-rimi tal-iskart u f'dak tal-enerġija,
- Il-faċilità Dublin Waste-to-Energy hija attiva fir-rimi ta' skart u fil-ġenerazzjoni tal-elettriċità.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9523 — Munich RE/DIF/Green Investment Group/Covanta/Dublin Waste-To-Energy Facility

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
